# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 13**

**Rikors numru 858/20/1 TA**

**Malcolm Bondin, Jesmond Micallef u Priscilla Caruana Lee**

**v.**

1. **Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**
2. **Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali**
3. **Il-Kummissarju tal-Pulizija**

1. Din is-sentenza titratta żewġ appelli, wieħed tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-ieħor tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku minn żewġ digrieti mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar 2021 dwar l-ordni tal-istess Qorti sabiex jiġu esebiti kopji vera tal-*files* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tal-Kummissarju tal-Pulizija relattivi għall-proċess ta' sejħa għall-mili ta'

vakanzi ta' Supretendent fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta fil-Ministeru tal-Intern u Sigurta` Nazzjonali.

2. Il-fatti tal-każ huma li l-atturi, uffiċjali tal-Pulizija, kienu kklassifikaw fost l-ewwel tlettax-il kandidat li applikaw għall-uffiċċju ta' Supretendent (ċirkolari numru 1/2019 tat-30 ta' Awwissu 2019). Wara petizzjoni li saret minn uħud mill-kandidati, kienet saret reviżjoni tal-marki u l-atturi spiċċaw ingħataw *'fail'* minflok *'pass'*. Għalkemm l-atturi għamlu petizzjoni lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, kienu nfurmati li dik il-proċedura ma setgħetx issir wara li riżultat ikun ġie rivedut. Kien f'*email* datata 13 ta' Awwissu 2020 li l-Kummissjoni tathom spjegazzjoni dwar x'ġara fil-każ tagħhom u l-marki li kienu tnaqqsulhom.

3. Kien f'dan l-isfond li l-atturi fetħu din il-kawża fejn jilmentaw li kellhom aspettattiva leġittima li r-riżultat oriġinali ma jinbidilx; li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju tal-ġustizzja naturali fil-konfront tagħhom fil-proċess li sar wara l-pubblikazzjoni tar-riżultati; u l-petizzjoni tagħhom ma ġietx ikkonsidrata. Għalhekk talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara nulla, invalida u mingħajr effett il-proċedura ta' petition magħmula minn terzi mhux magħrufa quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku intimata in segwitu għar-riżultat uffiċjali pubblikat fil-5 ta' Marzu 2020 u l ipermezz ta' tali proċedura, nħareġ ir-riżultat emendat kif komunikat fis-16 t'a Lulju 2020, prevja d-dikjarazzjoni illi tali proċedura ta' petition kienet tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti.*
>
> *2. Tiddikjara konsegwentement null, invalidu u mingħajr effett ir-riżultat emendat/rivedut kif notifikat lir-rikorrenti fis-16 ta' Lulju 2020.*
>
> *3. Tiddikjara validu billi tikkonferma l-validita' tar-riżultat oriġinali tal-5 ta' Marzu 2020 almenu fil-konfront u in kwantu jirrigwarda lir-rikorrenti.*

*4. Tiddikjara konsegwentement illi r-rikorrenti kellhom jingħataw il-ħatra ta' Supretendent fil-Korp tal-Pulizija konsegwenza tar-riżultat ta' pass illi huma ottjenew fir-riżultat oriġinali kif fuq premess.*

*5. Tordna lill-intimati Kummissarju tal-Pulizija intimat u/jew lis-Segretarju Permanenti intimat sabiex jagħtu, b'effett mill-ħatra tas-Supretendenti maħtura in segwitu għaċ-ċirkulari HR/Pulizija/Nru. 1/2019, l-istess ħatra ta' Supretendent lir-rikorrenti.*

*6. Tiddikjara konsegwentement ai termini tal-artiklu 469A(5) illi r-rikorrenti sofrew danni li għalihom iridu jagħmlu tajjeb l-intimati jew min minnhom.*

*7. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent in segwitu għall-aġir illegali tal-intimati jew min minnhom.*

*8. Tordna konsegwentement illi r-rikorrenti jitħallsu mingħand l-intimati jew min minnhom dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni".*

4. Kemm il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[1] kif ukoll il-konvenuti l-oħra[2] ppreżentaw tweġiba maħlufa.

5. L-isfond tad-digrieti appellati huwa s-segwenti:

5.1. Fl-ewwel udjenza tad-9 ta' Novembru 2020 il-kawża tħalliet għall-provi tal-atturi;

5.2. Fit-12 ta' Novembru 2020 l-atturi ppreżentaw rikors għall-ħruġ ta' taħrika fil-konfront ta':

[1] Fol. 24 *et seq*.
[2] Fol. 55 *et seq*.

(i) l-Assistent Kummissarju Kenneth Haber jew rappreżentant ieħor tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Korp tal-Pulizija sabiex jixhed u jippreżenta kopja tal-*file* relattiv għas-sejħa għall-kariga ta' Supretendent (ċirkolari 1/2019) u *"korrispondenza skambjata bejn l-istess uffiċċju u l-PSC preċedenti u anteċedenti għall-pubblikazzjoni taż-żewġ riżultati..."*.

(ii) Natasha Magro in rappreżentanza tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku sabiex tixhed u tippreżenta *"kopja vera tal-file sħiħ u intier tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku relattiv għall-proċess sħiħ, mit-twelid tiegħu sallum, inkluż mill-inkartament kollu tal-Bord tal-Għażla, kull komunikazzjoni skambjata, petizzjonijiet u materji oħra relatati mal-proċess fil-kuntest tas-sejħa għall-mili ta' vakanzi mertu tal-kawża"*.

5.3. B'digriet tas-16 ta' Novembru 2020 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-atturi u nħareġ il-mandat għat-taħrika tax-xhieda.

5.4. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni konvenuta talbet lill-Qorti sabiex:

> *"tirrevoka contrario imperio dik il-parti tad-digriet fejn Natasha Magro qiegħda tiġi ordnata sabiex "tesebixi kopja vera tal-file sħiħ u intier tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku relattiv għall-proċess sħiħ, mit-twelid tiegħu sallum, inkluż mill-inkartament kollu tal-Bord tal-Għażla, kull komunikazzjoni skambjata, petizzjonijiet u materji oħra relatati mal-proċess fil-kuntest tas-sejħa għal mili ta' vakanzi mertu tal-kawża" u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li jidrilha xierqa u opportuni".*

5.5. Imbagħad b'rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2020, il-Kummissarju konvenut ukoll ippremetta u talab illi:

> *"... huwa m' għandux diffikulta illi jissottometti l-file biċ-ċirkolari HR/Pulizija Nru. 1/2019 u dokumentazzjoni dwar ir-rikorrenti. Madanakollu l-informazzjoni relattiva għal terzi ma tistax tiġi sottomessa quddiem dina l-Onorabbli Qorti stante illi din tikkontjeni data personali ta' terzi li m'humiex parti mill-kawża u li hija bil-Liġi prekluża milli tiġi eżebita. Illi b'żieda ma dan, lanqas huwa korrett illi jiġu eżebiti korrispondenza privileġġata bejn entitajiet pubbliċi fit-twettieq ta' doveri amministrattiv tagħhom li fat tikkontjeni wkoll parir legali mogħtija mill-konsulenti legali tagħhom ...*
>
> *Għaldaqstant ....l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka parzjalment (u dan sa fejn jagħmel sens mas-suespost) contrario imperio d-digriet tagħha tas-16 ta' Novembru 2020 u minflok tordna biss illi x-xhud jixhed dwar dak illi ġie mitlub dwaru u jippreżenta nformazzjoni li tikkonċerna r-rikorrenti u informazzjoni ġenerali dwar is-sejħa għall-applikazzjonijiet".*

5.6. L-atturi wieġbu illi t-talbiet tal-Kummissjoni u Kummissarju konvenuti għandhom jiġu miċħuda;

5.7. B'żewġ digrieti li ngħataw fit-23 ta' Frar 2021 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-konvenuti u ordnat li d-dokumenti mitluba *".... għandhom jitqegħdu f'esebit li jkun aċċessibbli għall-partijiet biss għall-Kawża u li jiġu hekk esebiti animo ritirandi u li l-kontenut tal-istess, b'ebda mod ma għandu jkun riportat jew imxandar fil-media"*.

6. Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw mid-digrieti rispettivi. Fl-appell tiegħu, il-Kummissarju appellant talab lil din il-Qorti:

> *"tirriforma id-digriet appellat mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili fis-23 ta' Frar 2021 fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tħassarha u tirrevokaha in wantu ddeċidiet li tilqa t-talba tal-attur fejn rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija għandu "jeżebixxi kopja tal-file relattiv għas-sejħa għal mili ta' vakanzi ta' Supretendenti fil-Korp magħmula b'ċirkolari numru HR/Pulizija Nru. 1/2019, inkluż korrispondenza skambjata bejn l-istess uffiċċju u l-PSC, preċedenti u antecedenti għall-Pubblikazzjoni taż-żewġ riżultati fil-proċess de quo" u li b'ordni tal-ewwel Qorti l-esponent għandu "b'dana li d-dokumenti mitluba għandhom jitqegħdu f'esebit li jkun aċċessibbli għall-partijiet biss għall-kawża u li jiġu hekk esebiti animo ritirandi u li l-kontenut tal-istess, b'ebda mod ma għandu jkun riportat jew imxandar fil-media" u tipprovdi minflok billi tiddikjara illi d-dokumentazzjoni dwar terzi kif wkoll id-dokumentazzjoni konsistenti f'minuti u komunikazzjoni legali o meno bejn entitajiet governattivi huma dokumenti privileġġati ai termini tal-artikolu 637(3)(a) u artikolu 637(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ma jistgħux jiġi ppreżentat quddiem l-ewwel Qorti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat".*

7. Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku talbet lil din il-Qorti:

> *"tirrevoka u tannulla d-digriet fl-ismijiet premessi mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Frar 2021, bl-ispejjeż kontra l-appellati".*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

*L-Appell tal-Kummissarju tal-Pulizija*

8. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti:-

> *"Il-punt legali in dibattitu, ġie kemm-il darba trattat minn dawn il-Qrati. Deċiżjoni, li għamlu referenza għaliha l-abbli difensuri tal-partijiet meta trattaw ir-rikors hija dik tal-**Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet Dr. Stephanie Muscat et -vs- Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**. B'fatti specie mhux għal kollox simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Ottubru 2018 li bih laqgħet it-talba sabiex xhud tgħaddi biex tesebixxi kopja tal-file tal-proċess tal-għażla u tal-petizzjoni. Din il-Qorti tħoss li r-raġunament tal-Qorti tal-Appell għandu ukoll rilevanza għall- Kawża odjerna.*
>
> *Huwa minnu, li fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-Atturi ma kienux parti għal petizzjoni magħmula minn terzi u li waslet għar-riżultat mertu tal-Kawża. Iżda dan ma jfissirx li ma baqgħux parti quddiem il-Bord tal-Għażla,*

*tant hu hekk li minn "pass" ir-risultat tagħhom inbidel għal "fail". Dan ifisser ukoll, li dak li qed jintalab mingħand il-Kummissjoni huwa marbut sfieq ma' dak li qed jintalab mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija għaliex ir-riżultat aħħari huwa katina ta' rejazzjoni u deċiżjonijiet amministrattivi. Di piu', meta l-Atturi riedu jagħmlu petizzjoni oħra wara dan ir-riżultat, kif fuq spjegat, il-Kummissjoni dehrilha li għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt ir-regolament fuq imsemmi*.

*Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan in-ness ma tnaqqas xejn mis-saħħa tal-argumenti f're* ***Stephanie Muscat****, ai fini tat-talbiet fir-rikors odjern. Anzi, il-fatt li ma tħallewx jagħmlu petizzjoni, aktar tinħass il-ħtieġa li jkunu żvelati il-fatti kollha, meta dak li jkun qed jallega li skopra x'ġara mingħajr ma kien jaf, meta r-risultat ta' "pass" jinbidel għal wieħed "fail".*

*F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-prinċipju proċedurali ta' parita' ta' mezzi u armi u ċioe' ta' "equal arms" indubbjament jakkwista valur probatorju li jista' jkun determinanti, b'mod partikulari meta l-Kummissjoni hija parti għall-Kawża. F'dan is-sens, dawn il-Qrati jgħallmu li dan il-prinċipju "ghandu iktar jigi enforzat b'sahha meta l-kontendenti f'procediment gudizzjarju ma humiex a pari passu, dana ghaliex wiehed mill-partijiet jinsab f'posizzjoni vantagguza billi ghandu warajh istituzzjoni, bhal dik governattiva, li certament ghandha iktar sahha mic-cittadin ordinarju li minghajr dubbju ghandu mezzi iktar limitati ghad-disposizzjoni tieghu biex ikun jista' jiddefendi lilu innifsu". (****Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell [Sede Ċivili] per Imħallef Edwina Grima, tal-25 ta' Frar, 2015 Appell Ċivili fl-ismijiet Edwards, Lowell Co. -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud****). Fl-Appell fuq imsemmi* ***Re: Stephanie Muscat,*** *il-Qorti ukoll qablet ma dan l-argument (ara para 15 tas-Sentenza imsemmija).*

*Fil-liġi proċedurali Ingliża, li fuqha jidher li hija mmudellata dik Maltija, il-prinċipju huwa magħruf bħala Crown Privilege. L-awturi ingliżi fuq dan il- punt huma tal-istess fehma.* ***De Smith*** *għid li: "There is a presumption that procedural fairness is required whenever the exercise of a power adversely affects an individual's right's...The right to a fair procedure is not confined to those who are direct parties to a decision." (ara* ***De Smith's Judicial Review, 8th ed., 2018, para 7-018, paġna 302 2. para 7-024, paġna 394 u kif ukoll Administrative Law; 8th Ed; Wade and Forsyth, pgs 819 sa 835.****)*

*Fir-rigward tal-iżvillupp storiku ta' dan il-privileġġ, kien hemm żmien meta s-setgħat tal-Kuruna, sal-1942, sa fejn jirrigwarda l-produzzjoni ta' dokument li jinsab fil-pussess tagħha, kien għadu jitqies bħala wieħed invinċibbli. Biż-żmien, il-Qrati Ingliżi rribellaw kontra din id-duttrina peress li ċ-ċittadin ordinarju kien qiegħed ikun manifestament fi svantaġġ assolut f'kawżi ċivili kontra l-Kuruna.*

*Għalhekk inħasset il-ħtieġa li jkun hemm temperament ta' din id-duttrina fis-sens, fejn qabel dokumenti tal-Gvern, kienu x'kienu, qatt ma setgħu ikunu esebiti, issa l-Gvern irid jipprova li l-ħtieġa li dokument ma jkunx esebit trid tkun akbar minn dik li jkun żvelat u dan minħabba interess pubbliku. Di fatti* ***f'Phipson On Evidence*** *insibu hekk: "Privilege is an objection to production of evidence. Public interest immunity may be both an objection to production*

*and to disclosure. Secondly, public interest immunity is not the privilege of either litigant, but is a necessary protection of the public interest: it is public law, not a private law right. ... The times when the court would rubber stamp a claim by the executive for immunity are now long gone. ... If the documents are prima facie disclosable, the objecting party will need to justify its refusal to disclose them."* ***(H. M. Malek Phipson on Evidence ; 16th Edit, 2005; §§ 25-08 u 25-21, pg. 687 u 698 – 9*** *ara ukoll* ***Deċiżjoni PA [Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali] per Imħallef J. R Micallef fl-ismijiet Emmauel Camilleri -vs- Louise Calleja tal-21 ta' Marzu, 2014)****.*

*Fl-aħħar nett, din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar id-data li tirrigwarda lil terzi. Dawn inizjaw il-proċeduri li saru quddiem il-Kummissjoni intimata li waslet għall-eżitu li qed ikun attakat f'din il-Kawża. Kif diġa osservat il-Qorti tal- Appell, sa fejn jirrigwarda l-Kummissjoni, li in virtu' ta' artikolu 5(4)(c) tal- Kap 496 tal-liġijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet ta' dik il-liġi ma japplikawx għall-Kummissjoni konvenuta u għalhekk isegwi, li sa fejn l-artikolu 637 tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirreferi għal dawk id-disposizzjonijiet, l-anqas dawk ma japplikaw.*

*Din il-Qorti tirribadixxi wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell:*

> *"....li hawn ma hiex kwestjoni ta' zvelar izda dwar jekk dokument mizmum minn Awtorita' pubblika jistax jitressaq bi prova quddiem Qorti. F'kull kaz, ghandu jkun daqstant iehor ovvju l-fatt li d-dokument li l-ewwel Qorti ordnat li jittressqu bi prova quddiemha ma jsirux b'daqshekk dokumenti li jista' jarahom min irid jew li b'mod indiskriminat jista jsir uzu minnhom lil hinn mill-ghanijiet tal-kaz specifiku tal-attur propio appellat u ghall-ahjar amministrazzjoni tal-Gustizzja."*

*Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-artikolu 9(1) tar-Regolament 679/2016 EU li jiddisponi s-segwenti:*

> *"L-ipproċessar ta' 'data' personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' 'data' ġenetika, 'data' bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, 'data' dwar is-saħħa jew 'data' dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika huma projbiti."*

*Il-mertu li għandha quddiemha din il-Qorti ma taqa' f'ebda waħda mill-kategoriji msemmija. Imma anke li kieku, dan ma japplikax meta skont subartikolu 2(f) tal-istess "l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali jew kull darba li l-qrati jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom". Multo magis, dan il-prinċipju japplika għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti.*

*Fis-sewwa, din il-Qorti ma tistax tara kif tista' tgħarbel il-fatti kollha li wasslu għad-deċiżjoni li qed tkun attakkata jekk titħalla sajma minn uħud mill-fatti. Dawn il-Qrati jgħallmu li "imqar matul il-proċess tal-konsiderazzjoni ta' petizzjoni magħmula minn konkorrent bis-saħħa tar-Regolamenti, il-Kummissjoni intimata trid tħares il-prinċipji ta' smigħ xieraq u tagħti lill- istess konkorrent kull faċilita' ta' aċċess għat-tagħrif kollu li jkun jinsab fil- proċess tal-għażla, magħdud tagħrif dwar konkorrenti oħrajn" (Emfażi tal- Qorti). Ara* ***Digriet tal-4 ta' Jannar, 2018, fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' mandat ta'***

***Inibizzjoni numru 1737/17 fl-ismijiet: Geoffrey Bartolo vs Il-Kummissjoni Għas-Servizz Pubbliku; is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima****)*

*Huwa minnu li l-Atturi ma kienux parti għall-petizzjoni magħmula minn terzi li bidlet ir-risultati, iżda ma hemm ebda dubbju li kienu, kemm fis-sens fattwali u anke legali, konkorrenti magħhom għall-mili għall-karigi pubbliċi wara sejħa pubblika.*

*Dan ma jfissirx li din il-Qorti mhux ser tagħti l-provvedimenti opportuni biex tassigura li d-dokumenti jkunu aċċessibbli għall-partijiet biss u di piu' li ma jistgħux ikunu riportati jew imxandra fil-media".*

9. Fl-appell l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hi fir-rigward ta' dokumenti dwar terzi, dokumenti li jikkonsistu f'minuti u komunikazzjoni legali jew oħrajn bejn entitajiet governattivi.

10. Fl-ewwel aggravju jsostni li d-dokumenti rigwardanti minuti u pariri legali ta' entitajiet governattivi huma inammissibbli *stante* illi huma dokumenti privileġġati *ai termini* tal-Artikolu 637(3)(a) u tal-Artikolu 637(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Fir-rikors li ppreżenta fit-23 ta' Diċembru 2020, il-Kummissarju appellant oġġezzjona limitatament għall-produzzjoni tas-segwenti:

i. Informazzjoni relattiva għal terzi;

ii. Korrispondenza bejn entitajiet pubbliċi fit-twettieq ta' doveri amministrattivi tagħhom li taf tikkontjeni parir legali mill-konsulenti tagħhom.

12. Skont dan l-appellant id-dokumenti jaf ikun fihom parir legali. Jekk fihom, għandu jkun jaf għaliex qegħdin fil-pussess tiegħu. L-impressjoni li ħadet din il-Qorti hi li dan l-appellant qabad u xeħet oġġezzjoni ġenerali mingħajr ma qies sew x'fihom id-dokumenti li ntalab jippreżenta.

13. L-oġġezzjoni ta' dan l-appellant hi li d-dokumenti li x-xhud intalab jippreżenta huma privileġġati skont l-Art. 637(3) tal-Kap. 12 li jipprovdi:

> *"(3) Ma tistax tintalab il-produzzjoni ta' xi dokument li hu miżmum minn awtorità pubblika u –*
>
> > *(a) li hu dokument eżentat taħt l-artikoli 29, 30 jew 36(1) jew is-subartikoli (4) jew (5) tal-artikolu 32 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni ...*
>
> *(4) Meta ssir domanda għall-produzzjoni fil-qorti ta' dokument miżmum għand awtorità pubblika, u l-awtorità pubblika hija tal-fehma li s-subartikolu (3)(a) japplika għal dak id-dokument, l-awtorità pubblika għandha twieġeb għad-domanda bħallikieku dik id-domanda kienet talba għall-iżvelar tad-dokument taħt l-Att dwaril-Libertà tal-Informazzjoni; u d-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet II u IV u tal-artikoli 39, 40 u 43 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni għandhom japplikaw skond il-każ".*

14. Fir-rikors il-Kummissarju serraħ l-oġġezzjoni tiegħu fuq l-Artikolu 36(1) tal-Att dwar il-Liberta` tal-Informazzjoni li jipprovdi:

> *"36.(1) Bla ħsara għall-artikolu 35 u għas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu, dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jiżvela materja li għandha n-natura ta', jew li għandha x'taqsam ma', opinjonijiet, pariri jew rakkomandazzjonijiet miksubin, imħejjijin jew reġistrati, jew ma' konsultazzjoni jew deliberazzjoni li jkunu saru, fil-kors tal-proċessi deliberattivi involuti fil-funzjonijiet tal-Gvern jew awtorità pubblika oħra, jew għall-finijiet ta' dawk il-proċessi".*

15. F'dan il-kuntest issir referenza għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Dr. Stephanie Muscat noe v. Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et**:

> *"safejn id-dokumenti milquta mid-digriet appellat jitlobu l-kxif ta' xi pariri jew konsulti li jkunu ingħataw minn jew lil xi awtorità pubblika (il-liġi fin-nota marġinali tal-artikolu ssejħilhom "working documents interni"), dawn huma tabilħaqq milquta bħala dokumenti privileġġati kif irid l-artikolu 36(1) tal-Kap 469. Iżda huwa fatt ukoll li dik id-dispożizzjoni ma tgħoddx safejn xi parti mid-dokument tintalab għal għanijiet purament ta' tagħrif fattwali li jkunu jinsabu f'dak id-dokument".*[3]

16. Kif diġa` ngħad, l-oġġezzjoni tal-appellant saret f'termini ġeneriċi ħafna li bl-ebda mod ma jiddistingwu bejn minuti u pariri purament fattwali u oħrajn ta' natura deliberattiva. L-appellant lanqas ma jindirizza l-fatt li skont l-Artikolu 35 tal-Kap. 496:

> *"(2) Dokument jista' ma jingħatax skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima biss jekk ikun fih materja li fir-rigward tagħha l-interess pubbliku li jinqeda bin-nuqqas ta' żvelar m'għandux piż aktar mill-interess pubbliku li jinqeda jekk id-dokument ikun żvelat".*

17. F'dan il-każ, il-kwistjoni hi dwar sejħa għall-karigi ta' Supretendent fil-korp tal-Pulizija. M'hemmx dubju li l-iżvelar tal-informazzjoni rikjesta mill-atturi fil-kawża li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti sabiex joħorġu l-fatti kollha rilevanti dwar dak li ġara b'mod partikolari meta saret reviżjoni tar-riżultat uffiċjali li ħareġ, hi iktar fl-interess pubbliku. Dan hu l-mod kif tiżgura li jkun hemm trasparenza fil-proċess li sar wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat uffiċjali u li wassal għal

[3] Dan b'referenza għall-artikolu 36(2) tal-istess Att li jipprovdi illi: *'Is-subartikolu (1) m'għandux japplika għal dokument għar-raġuni waħdanija ta' informazzjoni purament fattwali li tkun fid-dokument.'*

reviżjoni ta' marki bl-atturi jispiċċaw jingħataw 'fail' minflok 'pass' li ngħataw fl-ewwel riżultat.

18. L-appellant għamel referenza għall-Artikolu 38(ċ) tal-Kap. 496 u jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra jekk jistax raġjonevolment ikun mistenni li l-produzzjoni tad-dokumenti mitluba jkollha effett ħażin fuq it-tmexxija xierqa u effiċjenti tal-operazzjonijiet tiegħu. Dik id-dispożizzjoni tipprovdi:

> *"Bla ħsara għall-artikolu 35, dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att iwassal biex, jew jista' raġonevolment iwassal ikun mistenni li:*
>
> *..........*
>
> *(ċ) jkollu effett ħażin sostanzjali fuq it-tmexxija xierqa u effiċjenti tal-operazzjonijiet ta' awtorita' pubblika"*.

19. L-appellant ma spjegax x'għandha x'taqsam dik id-dispożizzjoni ma' proċess ta' għażla ta' persuni għall-kariga ta' Supretendent tal-Pulizija u kif il-preżentata ta' dokumenti li jikkonċernaw dak il-proċess ser jolqot ħażin it-tmexxija xierqa u effiċjenti tiegħu.

20. Il-kwistjoni dwar l-informazzjoni dwar terzi hi l-mertu tat-tieni aggravju. L-eżerċizzju li sar wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel riżultat laqgħet direttament lill-atturi meta huma diġa` kellhom riżultat li kienu kklassifikaw mal-ewwel tlettax-il applikant.[4] Il-Qorti fehmet li l-atturi saru jafu b'dak li ġara wara li kienet diġa` ttieħdet id-deċiżjoni finali. Aktar minn hekk, meta l-atturi għamlu petizzjoni

[4] Fol. 11.

sabiex jikkontestaw it-tibdil li sar fl-ewwel riżultat, l-istess ġiet miċħuda *a tenur* tal-Artikolu 19(4) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja KOST.05.[5] Wara dak li ġara, il-Qorti ssibha diffiċli tara kif l-atturi jistgħu jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jiddefendu l-każ tagħhom jekk ma jkollhomx tagħrif dwar dak li ġara fil-każ ta' kandidati oħra li bir-reviżjoni li saret spiċċaw jikklassifikaw qabilhom u jingħataw il-kariga ta' Supretendent. Ovvjament ikun floku jekk qabel jibda l-ġbir tal-provi dwar il-mertu, l-ewwel Qorti tikkonsidra hemmx bżonn li l-kandidati l-oħra jkunu parti f'din il-kawża. Dan meta tikkonsidra li l-atturi qegħdin jimpunjaw it-tieni riżultat li nħareġ wara l-petizzjoni li saret minn xi wħud minn dawk li applikaw għall-kariga ta' Supretendent.

21. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

22. Fit-<u>tieni aggravju</u> l-Kummissarju appellant jinsisti illi d-dokumenti dwar terzi hi protetta taħt il-liġijiet li jirregolaw id-*data protection*, u dan skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016, u ma jistgħux jiġu esebiti mingħajr kunsens ta' terzi. Jilmenta li l-ewwel Qorti la kkonsidrat illi l-kontendenti l-oħra li ressqu petizzjoni quddiem il-PSC huma terzi li mhumiex parti fil-kawża u lanqas ma kkonsidrat illi l-informazzjoni dwar terzi taqa' taħt id-definizzjoni ta' *data* personali fl-Artikolu 4 tal-imsemmi Regolament.

[5] Fol. 25 para 4.

23. Id-definizzjoni ta' '*data personali'* tinkludi *'kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli'*. L-Artikolu 5(1)(a) tal-istess, irid imbagħad illi *inter alia* dik id-*data* tkun ipproċessata legalment, ġustament u b'mod trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data*, b'dan illi:

> *"ipproċessar" tfisser kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq data personali jew fuq settijiet ta' data personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda".*

24. Issa, kif qalet din il-Qorti fil-kawża **Dr. Stephanie Muscat noe v. Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et**:

> *"hawn mhijiex kwestjoni ta' żvelar iżda waħda dwar jekk dokument miżmum minn awtorità pubblika jistax jitressaq bi prova quddiem qorti. F'kull każ, għandu jkun daqstant ieħor ovvju l-fatt li d-dokumenti li l-ewwel Qorti ordnat li jitressqu bi prova quddiemha ma jsirux b'daqshekk dokumenti li jista' jmur jarahom min irid jew li b'mod indiskriminat jista' jsir użu minnhom lil hinn mill-għanijiet tal-każ speċifiku tal-attur proprio appellat u għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja f'dan il-każ".*

25. Estratt li ġie riprodott fis-sentenza appellata. Fil-fatt l-ewwel Qorti ordnat illi d-dokumenti in kwistjoni għandhom jiġu esebiti *animo ritirandi* u jitpoġġew f'esebit li jkun aċċessibbli għall-partijiet <u>biss</u> u ma jistgħux ikunu riportati jew imxandra fil-*media*. Dan wara li għamlet ukoll il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-artikolu 9(1) tar-Regolament 679/2016 EU li jiddisponi s-segwenti:*
>
> > *"L-ipproċessar ta' 'data' personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' 'data' ġenetika, 'data' bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, 'data' dwar is-saħħa jew 'data' dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika huma projbiti."*

*Il-mertu li għandha quddiemha din il-Qorti ma taqa' f'ebda waħda mill-kategoriji msemmija. Imma anke li kieku, dan ma japplikax meta skont subartikolu 2(f) tal-istess "l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali jew kull darba li l-qrati jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom". Multo magis, dan il-prinċipju japplika għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti".*

26. L-appellant jilmenta li l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti huma ħżiena għaliex dak is-subartikolu '*għandu b'interpretazzjoni loġika japplika għal eżerċizzju jew difiża ta' talbiet rigwardanti il-partijiet fil-kawża.'*

27. Il-Qorti ma taqbilx. Kieku tali deroga kienet limitata biss għal *data* relattiva għall-partijiet fil-kawża, kienet tkun superfluwa billi huwa ovvju li persuna f'kawża li titlob produzzjoni ta' *data* fuqha nnifisha qed tagħti l-kunsens tagħha għall-użu ta' dik id-*data*. F'kull każ, l-istess subinċiż jeskludi wkoll[6] l-ipproċessar minn qrati fil-kapaċita` ġudizzjarja tagħhom u mhux limitat għall-eżerċizzju jew għad-difiża ta' talbiet legali. B'analoġija l-istess raġunament jista' japplika wkoll għad-*data* dwar kandidati oħra relatata mas-sejħa għall-kariga ta' Supretendent (ċirkolari numru 1/2019 datata 30 ta' Awwissu 2019) u b'mod partikolari għall-eżerċizzju ta' reviżjoni li sar wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel riżultat li fih l-atturi ngħataw *'pass'*. Dan apparti li l-użu ta' dik id-*data* fil-kawża li fetħu l-atturi hu fl-interess leġittimu tagħhom li jressqu quddiem il-Qorti d-dokumenti għall-eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju li jrid isir. L-għan tal-atturi hu li b'dawk il-provi jkunu jistgħu jikkonvinċu lill-Qorti li l-proċess ta' reviżjoni li sar wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat, kien vizjat. Ma sar l-ebda argument li jista' jikkonvinċi

[6] Tintuża l-kelma 'jew' mhux 'u'.

lil din il-Qorti li l-interess tal-atturi hu megħlub mill-interessi jew id-drittijiet fundamentali tal-persuni li għandhom *data* personali fid-dokumenti li għad iridu jiġu preżentati, u l-Qorti lanqas ma tista' tara xi interess f'dak ir-rigward. Wara kollox il-kandidati li applikaw għall-kariga ta' Supretendent kollha ħadu sehem fl-istess konkors. Il-Qorti trid titpoġġa fl-aħjar pożizzjoni li tiddeċiedi, u hemm bżonn ta' provi dokumentarji li juru x'sar wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat, li fih l-atturi huma klassifikati fl-ewwel tlettax-il kandidat.

28. L-appellant jilmenta finalment mill-fatt illi l-ewwel Qorti ordnat li d-dokumenti in kwistjoni jiġu esebiti *animo ritirandi* u jitqegħdu f'esebit li jkun aċċessibbli għall-partijiet biss u *di piu* ma jistgħux ikunu riportati jew imxandra fil-*media*. Jgħid li din mhijiex salvagwardja sodisfaċenti billi skontu titfa' d-*data subject* f'pożizzjoni li ma jkollux rimedju.

29. Hawnhekk l-appellant donnu jinsa' li dak li qed jitolbu l-atturi huwa l-*file* relattiv għall-proċess ta' mili ta' vakanzi mertu tal-kawża u l-ebda informazzjoni oħra tal-membri tal-Korp ħlief dik li seta' kellha nfluwenza fil-proċess kollu quddiem il-Kummissjoni konvenuta.[7] Informazzjoni li allura hija rilevanti għal din il-kawża u suffiċjentement salvagwardjata bil-miżuri surriferiti.

30. It-<u>tielet aggravju</u> huwa straxxiku ta' dak ta' qablu. L-appellant jilmenta li hemm nuqqas ta' salvagwardji sabiex ma jiġux preġudikati terzi u l-awtoritajiet

---
[7] Ara ukoll fol. 77 punt 3.

konċernati għaliex eventwalment, fis-sentenza finali tal-ewwel istanza, dik il-Qorti trid tagħti bilfors motivazzjoni u allura '*tista' hija stess tikxef il-kontenut tal-files f'sentenza li hija aċċessibbli għall-pubbliku'.*

31. Dan l-aggravju huwa fieragħ. Minn imkien ma jirriżulta li l-appellant qiegħed jiġi mġiegħel jesebixxi dokumenti nterni privileġġati. Kieku dak kien il-każ kien jiġi eżentat milli jippreżenthom. Dwar it-terzi, jekk il-Qorti jidhrilha li għal xi raġuni partikolari l-ismijiet tagħhom m'għandhomx jiġu żvelati, għandha l-poter li tagħti l-ordnijiet li hemm bżonn.

32. L-aggravju miċħud ukoll.

33. Permezz tar-raba' aggravju l-Kummissarju jilmenta finalment min-nuqqas ta' rilevanza tad-dokumentazzjoni bħala prova in konnessjoni mat-talbiet fil-mertu. L-argument tiegħu huwa mibni fuq il-fatt li l-atturi ma ressqu l-ebda prova illi l-ilmenti tagħhom għandhom jiġu milqugħa u lanqas isostnu għalfejn tali dokumenti huma fil-fatt rilevanti.

34. Dak li qed jitolbu l-atturi, u donnhom mhux jifhmu l-konvenuti, huwa trasparenza fil-proċess amministrattiv li wassal għall-bidla fir-riżultat tal-proċess tal-għażla mertu tal-kawża odjerna u li wassal sabiex il-marka tagħhom tinbidel minn '*pass*' għal '*fail*'. Id-dokumenti huma l-aħjar prova li suppost juru l-eżerċizzju li jkun sar. Jekk l-affarijiet saru kif suppost, il-konvenuti m'għandu

jkollhom l-ebda diffikulta` li jsir stħarriġ tal-proċess ta' reviżjoni li sar wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat.

35. Għalhekk tiċħad ukoll dan l-aggravju.

*L-Appell tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku*

36. Il-Kummissjoni konvenuta appellat mid-digriet a fol. 85 *et seq*. tal-proċess, relattiv għat-talba li għamlet b'rikors tat-18 ta' Diċembru 2020 sabiex il-Qorti tħassar id-digriet li bih ordnat li titħarrek Natasha Magro sabiex tippreżenta d-dokumenti li jissemmew fit-taħrika.

37. Permezz tal-ewwel aggravju l-Kummissjoni tilmenta illi fid-digriet l-ewwel Qorti naqset milli tagħraf id-distinzjoni bejn dan il-każ u l-każ **Dr. Stephanie Muscat noe v. Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et**. Dan għaliex, diversament mill-każ ta' Dr. Muscat noe, fejn saret talba fir-rikors promotur proprju sabiex tingħata aċċess għall-*file* pendenti proċeduri ta' petizzjoni ntavolati minnha stess, f'dan il-każ '*il-marki tal-kandidati **kollha** ġew imnaqqsa **ugwalment u b'mod oġġettiv** minħabba li kien hemm marki li ngħataw b'mod doppju **lil kulħadd**.'*

38. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-ewwel Qorti stess qalet li dak il-każ kellu *"fatti specie mhux eżattament simili għal dawk li għandha*

*quddiemha din il-Qorti"*. Iktar 'il quddiem fl-istess sentenza l-Qorti osservat li d-differenza f'dak il-każ kienet li l-attriċi kienet għamlet petizzjoni. Madankollu, kompliet:

> *"B'danakollu, din il-Qorti, wara li qieset il-fatti li għandha quddiemha, partikolarment l-itinerarju amministrattiv li wassal għall-ilment, ma jnaqqas xejn mill-applikabbilita' tal-argumenti magħmula minn dik il-Qorti, għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti"*.

39. L-ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenza li tat din il-Qorti f'dak il-każ biss għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' liġi u xejn iktar. F'dan ir-rigward il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tirrepeti l-istess konsiderazzjonijiet li diġa` saru għall-appell tal-appellant l-ieħor.

40. Għalhekk tiċħad l-aggravju.

41. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-Kummissjoni appellanti tilmenta illi l-ewwel Qorti rabtet *"l-ipprivilleġġjar tad-dokumenti skont il-liġi mal-insindikabilita` tat-twettieq tal-funzjonijiet"* tagħha. Ittenni li mkien fir-rikors tagħha ma qalet jew implikat li hija qiegħda tirrifjuta li tesebixxi d-dokumenti mitluba għax hija nsindakabbli, iżda oġġezzjonat għall-preżentata tal-*file* a tenur tal-Artikoli 637(3) u (4) tal-Kap. 12, tal-Artikoli 5(4)(c) u 36(1) tal-Kap. 496, tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta u fuq in-nuqqas ta' rilevanza tal-*file* mertu tal-kawża.

42. L-Artikolu 5(4)(c) tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi dak l-Att m'għandux japplika għal dokumenti miżmuma mill-Kummissjoni dwar is-Servizz

Pubbliku. Isegwi għalhekk li lanqas l-Artikolu 637 tal-Kap. 12, safejn jirreferi għal ċertu dispożizzjonijiet tal-Kap. 496, ma japplika f'dan il-każ.

43. Għall-kumplament, diġa` ġie stabbilt illi l-oġġezzjoni għall-preżentata tal-*file* abbażi tal-artikoli l-oħra hi nfondata.

44. Permezz tat-tielet aggravju l-Kummissjoni tilmenta dwar in-nuqqas ta' rilevanza tal-*file* għall-prova mertu ta' dan il-każ. Issosnti li l-kunċett ta' *parity of arms* ma jfissirx neċessarjament illi l-awtorita` governattiva għandha f'kull proċeduri li jsiru kontriha tkun obbligata tesebixxi l-*file* kollu relattiv għall-vertenza. Dan għaliex mhux il-*file* kollu jista' jkun rilevanti u għaliex jaf ikun fih informazzjoni privileġġata jew eżentata.

45. L-atturi qegħdin jikkontestaw mhux biss il-mod kif aġixxiet il-Kummissjoni iżda wkoll il-validita` tar-riżultat finali wara r-reviżjoni li saret fuq direttiva tal-Kummissjoni. Ovvjament f'dan l-istadju wieħed ma jistax jasal għal xi konklużjoni dwar x'inhu rilevanti u mhuwiex għaliex id-dokumenti għadhom ma ġewx preżentati. Li hu żgur hu li pariri legali li setgħu ngħataw m'għandhomx jinkixfu.

46. Permezz tar-raba' aggravju l-Kummissjoni appellanti ttenni wkoll l-aggravju tal-Kummissarju konventu dwar il-protezzjoni tad-*data* ta' terzi. Tisħaq li m'hemmx lok li l-atturi jagħmlu xi eżerċizzju fejn jipparagunaw il-marki li

ngħataw ma' dawk tal-kandidati l-oħra għaliex il-marki ta' kulħadd ġew imnaqqsa bl-istess mod.

47. Ilment f'dan is-sens sar ukoll mill-appellant l-ieħor. Il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet diġa` magħmula u żżid biss li l-fatt li skont il-Kummissjoni konvenuta *'marki ta' kulħadd ġew imnaqqsa bl-istess mod'* ma jfissirx li l-atturi m'għandhomx dritt jikkontestaw u jitolbu stħarriġ ta' dak li sar wara li l-Kummissjoni tat direzzjoni lill-Bord tal-Għażla sabiex issir ir-reviżjoni.

48. Dan apparti li hi l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja Kost. 05 stess li f'Regolament 36 tipprovdi li m'hemmx restrizzjoni fuq ebda membru tal-Kummissjoni, segretarju u jew membru tal-persunal tal-uffiċċju tal-Kummissjoni, jew uffiċjal pubbliku jew persuna oħra, jew bord assenjat b'funzjonijiet taħt dawk ir-regolamenti milli *"tippubblika jew tiżvela xi informazzjoni li tkun ħarġet mill-proċessi ta' għażla, sottomissjonijiet jew petizzjonijiet taħt dawk ir-regolamenti"*, meta dik l-informazzjoni tkun *"(b)..... neċessarja b'konnessjoni ma' proċeduri fil-Qorti"*. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jikkontestaw il-proċess tal-għażla li sar wara r-reviżjoni tar-riżultat oriġinali li fih ikklassifikaw fost l-ewwel tlettax-il kandidat u bil-marka tkun *'pass'*.

49. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll dan l-aħħar aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appelli tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, bl-ispejjeż kontrihom. B'dan li tagħmilha ċara li pariri legali li setgħu ngħataw u li jinsabu fil-*files* relattivi m'għandhomx jinkixfu.

Tordna li l-atti minnufih jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża, b'dan li qabel il-Qorti tibda bil-ġbir tal-provi tikkonsidra jekk hemmx nies li għandhom jissejħu fil-kawża meħud in konsiderazzjoni dak li talbu l-atturi fir-rikors maħluf.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm